MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Numru. 765/2007

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Mario Bonello)**

**Vs**

**Josef Said bin Michael u Lucy nee’ Grech, imwieled fid-09 ta’ Mejju 1981 u joqghod 107, Triq Dun Gwann Camilleri, Nadur u li ghandu karta ta’l-identita’ numru 5082(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Josef Said akkuzat talli:

1.fl-1 ta’ Awissu 2007 ghal habta tal-10:00A.M. fil-limiti tat-Torri ta’ Kenuna gewwa n-Nadur, Ghawdex ingurja jew hedded lill-ufficjali tal-MEPA, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew

minhabba li kienu ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz.

2. talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku bl-ghajjat u storbju.

3. u aktar fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghedt kliem oxxen fil-pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba quddiem dina l-Qorti jirrizulta illi fil-gurnata mertu tal-kawza, xi ufficjali mill-Awtorita ghall-Ambjent u l-Ippjanar kienu accedew fuq is-sit maghruf bhala “Ta’ Kenuna” fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex, sabiex jezegwixxu azzjoni ta’ infurzar ghall-izgumbrar ta’ xi ingenji proprjeta tas-socjeta Said Constructions li kienu qed jokkupaw dana is-sit. Jirrizulta mill-atti processwali illi dana is-sit kien f’idejn il-konjugi Emanuel u Josephine Said li kienu hallew lill-ahwa Peter Paul Said u Josef Said juzaw dina l-art in konnessjoni max-xoghol taghhom fil-kostruzzjoni. Madanakollu kienet inqalghet kwistjoni ma’l-Awtorita’ ghall-Ippjanar ghar-rigward ta’ dana is-sit u ghalhekk bdiet tittiehed azzjoni min-naha ta’l-Awtorita billi anke inhargu xi avvizi ghall-infurzar u dana ghall-ghan li l-art tigi imnaddfa. Jidher illi il-konjugi Said irnexxielhom jottjenu mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront ta’l-Awtorita, mill-Qorti Civili f’Ghawdex u dana sabiex l-Awtorita tigi imwaqqfa milli taghmel kull tip ta’ xoghol fuq l-imsemmija art u dana sakemm jigi determinat mill-qorti jekk il-konjugi Said kellhomx xi drittijiet fuq dina l-art. Id-digriet tal-Qorti igib id-data tat-3 ta’ Mejju 2007. Fil-gurnata indikata fl-akkuza, jidher illi l-ufficjali mill-Awtorita’ accedew fuq is-sit in kwistjoni, kif inghad iktar ‘il fuq, u dana ghaliex dehrilhom illi huma setghu jaghmlu dana peress illi l-iskop tad-direct action kienet illi jinghalaq l-access ghal dana is-sit u mhux li isiru xi xogholijiet fuq dana is-sit. Dana

jirrizulta mix-xhieda ta’ Ivor Robinich (fol.22 tal-process) li ighid: “L-iskop tad-direct action kien sabiex jinghalaq l-access ghal dan is-sit. Niftakar li l-azzjoni kienet fis-sens li kien hemm dahla cioe’ kien hemm passagg li kien madwar hmistax-il pied wiesgha li ahna bblokkajnieha bi blokki tal-konkrit. … niftakar illi l-mandat kien fis-sens illi kien qed izomm lill-Awtorita’ milli tidhol gewwa dan is-sit u jitnehha t-terrapien li kien jinstab go dan is-sit. Fil-fatt nghid li l-awtorita’ fl-ebda mument ma rifset gewwa s-sit. L-iskop kien biss li jinghalaq l-access kif ghadni kemm xhedt u ghalhekk ahna bqajna fil-parametri tal-mandat.” Mistoqsi imbaghad jekk fil-fatt dana l-access jifformax parti mis-sit, l-istess xhud iwiegeb u ighid illi huwa ma jafx u mhux kompetenti li iwiegeb ghal dina l-mistoqsija.” Illi kien minhabba f’dana illi inqala argument li wassal ghall-akkuzi mertu ta’ dina l-kawza. Dana ghaliex filwaqt illi l-imputat, flimkien ma’ Anthony Grech u Peter Paul Said bdew jargumentaw illi l-mandat ma kienx qed jigi osservat mill-ufficjali ta’l-Aworita’, l-istess ufficjali dehrilhom illi bix-xoghol li kien qed isir minnhom, huma bl-ebda mod ma kienu qed imorru kontra d-dettami tad-digriet tal-Qorti.

Kien f’dana l-argument ghalhekk li inqala bejn il-partijiet, li l-imputat beda igholli lehnu, jaghmel hafna storbju u anke qal xi kliem ingurjuz u ta’ theddid fil-konfront ta’l-ufficjali tal-MEPA. Dana huwa ikkonfermat mill-ufficjali tal-pulizija li kienu prezenti fosthom PC817 Joe Bajada, PC330 Emanuel Schembri u PC958 Michelangelo Portelli.

Illi l-imputat jinsab akkuzat principalment bir-reati ikkontemplat fl-artikolu 95. Illi dana huwa r-reat ta’ oltragg lil ufficjal pubbliku waqt il-qadi tas-servizz pubbliku tieghu jew minhabba li ikun qieghed jaqdi tali servizz.

Il-Qorti hija tal-fehma illi dana kien incident sfortunat li seta’ jigi evitat bil-kelma it-tajba minflok ittiehdet azzjoni ta’ infurzar mill-Awtorita meta kien hemm mandat ta’ inibizzjoni pendenti u l-partijiet kienu ghadhom qed jistennew id-decizjoni tal-Qorti f’dana ir-rigward. Illi madanakollu, l-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-imgieba ta’l-imputat. Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi kemm Ivor Robinich kif ukoll Ronnie Vella huma ufficjali ma’l-Awtorita

ghall-Ambjent u l-Ippjanar u li fil-gurnata in kwistjoni huma kienu qeghdin jagixxu f'dina il-kapacita u fuq ordni moghtija mill-istess Awtorita'. Illi mill-provi irrizulta ampjament ippruvat illi l-imputat kien aggressiv fil-konfront ta'l-ufficjali tal-MEPA, beda igholli lehnu maghhom fost kliem dispreggativ u ta' theddid. Illi anke il-haddiema tal-kuntrattur li kienu prezenti bezghu. Ghalhekk l-azzjonijiet tieghu certament ma humiex gustifikati. Illi minn dawna l-fatti jidher illi l-ewwel akkuza hija ampjament ippruvata u cioe' r-reat ravvizat fl-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-istess jista' jinghad ghar-rigward ta'l-ahhar zewg akkuzi. Ix-xhieda migjuba mill-prosekuzzjoni kollha jindikaw illi l-imputat beda jaghmel l-istorbju u jargumenta oltre l-fatt illi beda ighid hafna kliem baxx. Illi l-Qorti ma tistax taghti piz ghalhekk lix-xhieda tieghu meta ighid illi ma involviex ruhu f'dana l-argument u ta' Peter paul Said meta huwa ighid li l-uniku kliem li beda ighid kienu li ser joqtluhom bil-guh. Certament illi l-atmosfera kienet wahda mimlija tensjoni u ghalhekk bil-fors illi kemm l-imputat kif ukoll Peter Paul Said u Anthony Grech kienu agitati fl-imgieba taghhom u kienu anke aggressivi. Tant hu hekk illi anke Reuben Said ighid illi meta wasal fuq il-post huwa beda jipprova ighin sabiex jikkalma is-sitwazzjoni, kif fil-fatt ghamel, sitwazzjoni ghalhekk li tidher li saret wahda kemmxejn turbolenti meta wasslu fuq il-post Grech fkimkien ma'l-ahwa Said.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 338(bb), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz tikkundanna lill-imputat ghal ammenda ta' €25 ghar-rigward ta'l-ewwel akkuza u ghar-rigward ta'l-ahhar zewg akkuzi ghal canfira u twiddiba ghal kull wahda minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------